**Iż-żjara tiegħek fostna**

Iż-żjara tiegħek fostna
x'faraġ kienet għalina,
għax il-preżenza tiegħek
Tagħtna l-ferħ li jimlina.

B'dik l-imħabba dejjiema
tibqa' magħna kuljum
Għax hi imħabbet Kristu
Li jgħidilna dejjem: Qum!

Qum mir-raqda tad-dubju
Qum mill-gidba kburija,
Qum mill-arja tan-nefħa
Qum mix-xewk tal-ħżunija!

U intrabat ma' Kristu
Għax lilu biss int issib,
Fil-mard u fit-tbatija
Fih int sibt l-aqwa ħabib!

Għax Kristu mhux joħodlok
kif jagħmlu n-nies tad-dinja,
Kristu bil-bosta jfawrek
isaħħek fl-aqwa binja!

F'Marija dejjem ftakar
hija Ommok li tmexxik,
f'idejha qis intelaq
għax hi biss tipproteġik!

Dawn kienu l-messaġġi
li għaddejtilna fl-isptar,
ħuna l-Kardinal Mario
ibqa' wasslilna x-xrar.

Ta' Kristu li jirgħana
bħala l-merħla li b'demmu,
fdiena mid-dnub u l-ħtija
lilna li fih qed nemmnu!

Għażiż ħa jsedqek Kristu
tħaddnek magħha Marija,
jinżel fuqek l-Ispirtu
inbierkek għażiż ħija!

Patri Mario Attard OFM Cap
10 ta' Diċembru 2020